MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 580/2003

**Carmelo Vella.**

**vs.**

**Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b'citazzjoni Numru 1785/93DS fl-ismijiet Angela Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in

rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr Siegfried Borg Cole LL.D., il-prezenti konvenuti talbu li "(1) l-(allura) konvenuti jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat mill-Qorti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv abbazi tal-konvenju riferit u esibit fic-citazzjoni, (2) jigi nominat nutar biex jippublika l-att relattiv, (3) jigu nominati kuraturi ghall-eventwali kontumaci, (4) tiffissa l-post, gurnata u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi, (5) in difett li dan isir li l-konvenuti jkunu dikjarati responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi minhabba l-inadempjenza taghhom, (6) jigu likwidati d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi konsistenti dawn id-danni almenu fit-telf li huma sejrin jaghmlu billi ma jippubblikawx il-konvenju fuq riferit, (7) jigu kkundannati jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata *in linea* ta' danni"; u

Peress illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April 2002, fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti laqghet il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici u filwaqt li ddikjarat lill-allura konvenuti responsabbli ghad-danni kkagunati lill-allura atturi, illikwidat dawn id-danni fis-somma ta' Lm35,100 u kkundannat lill-attur u lil Dr. Sigfried Borg Cole, ihallsu din is-somma; u

Illi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, l-attur Carmelo Vella qatt ma gie notifikat b'din ic-citazzjoni u sar jaf b'din is-sentenza f'dawn l-ahhar granet, meta sar jaf *tramite* l-bank tieghu li kien inhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu, u

Illi s-sentenza hawn fuq imsemmija kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, peress illi l-konvenju li fuqu hija bbazata s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kien kolpit minn zball ta' fatt u fil-fatt kontestwalment ma' dawn il-proceduri qed issir kawza f'dan is-sens; u

Illi ghalhekk l-attur qieghed *a tenur* tal-**artikolu 811 (b)** u **(l) tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili**

**(Kap 12)** jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Prevja r-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta’ April 2002 fl-ismijiet “**Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr Siegfried Borg Cole LL.D**., (Citazz. Nru 1785/93DS) *a tenur* tal-**artikoli 811 (b)** u **(l)) tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12)** tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur a fol. 2 sa 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-15 ta’ Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 26 ta’ Gunju 2003 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghar-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta’ April 2003 u ghar-ritrattazzjoni tal-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispjejjes *stante* illi ma tezesti ebda basi guridika ghall-akkoljiment taghha. Fil-fatt l-attur ikkontesta t-talbiet attrici fil-kawza li qed tigi mpunjata u qabbad lill-avukat Dr. Stigfried Borg Cole LLD sabiex jittutela d-drittijiet tieghu, kif jirrizulta min-nota tal-eccezzjonijiet tieghu stess, prezentata fil-kawza fuq riferita u issa deciza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2007 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha biex izzomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi tal-konvenut, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **“Angelo Zahra et nomine vs Carmelo Vella” (Citaz. Numru 1785/93/DS)** u decizjoni fl-istess datata 22 ta’ April 2005.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Carmelo Vella vs Angelo Zahra et” (Citaz. Numru 581/03/RCP) li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti u wkoll differita ghas-sentenza u dan *in vista* tal-fatt li l-provi f’dik il-kawza ghandhom jghoddu bhala provi f’din il-kawza u *vice versa* u dan anke *in vista* tad-digriet datat 11 ta’ Ottubru 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta (fol. 64) fejn ordnat li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 26 ta’ Marzu 2008 a fol. 161 fejn l-esponenti talbu wkoll korrezzjoni fil-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2007, billi l-kliem “*id-difensuri jaqblu li s-sojceta` Henker Investments Ltd qatt ma kienet proprjetarja tal-art li dwarha kien sar konvenju ta’ bejgh mertu tal-kawza li qed tigi mpunjata*”; jigi mhassar; u l-Qorti, fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2008, b’referenza ghall-verbal tat-13 ta’ Frar 2008, hassret id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u dan *in vista* tal-fatt li fil-fatt Anchor Investments Ltd kienet proprjetarja tal-art.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Carmelo Vella datata 10 a' Ottubru 2008 a fol. 171 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 30 ta' Dicembru 2008 a fol. 182 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ghal ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (b) u (l) tal-Kap. 12** u dan peress li qed jigi allegat li c-citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Zahra et vs Carmelo Vella et** (Citaz. Nru. 1785/92/DS) ma kenitx giet notifikata lil Carmelo Vella (il-konvenut f'dik il-kawza), u li huwa ma deherx fis-smigh tal-kawza u wkoll li s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Illi b'hekk sabiex tirnexxi l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap.** 12 dwar l-ewwel punt irid jigi ppruvat mill-attur Carmelo Vella li l-kawza ma gietx notifikata lilu u li huwa ma deherx fis-smigh tal-kawza.

Illi minn ezami tal-process tal-kawza fl-ismijiet **Angelo Zahra et vs Carmelo Vella et** (Citaz. Nru. 1785/92/DS) jirrizulta li effettivament Carmelo Vella qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni attrici u dan ghaliex l-unika notifika li hemm hija dik datata 1 ta' Frar 1994 (*a tergo* ta' fol. 11 tal-

process) fejn hemm indikat li l-konvenut gie notifikat fil-fond 292/10 Fourth Floor, Republic Street, Valletta, li fil-fatt kien l-ufficcju tal-Avukat Dr. Siegfried Borg Cole, l-konvenut l-iehor fl-istess kawza, u allura jirrizulta li dan il-fond ma huwiex wiehed mill-postijiet indikati fl-**artikolu 187 (2) tal-Kap. 12** u l-istess Avukat ma huwiex wiehed mill-persuni hemm indikati u qatt ma gie awtorizzat mill-attur odjern sabiex jircievi xi korrispondenza ghan-nom tal-istess attur odjern (konvenut f'dik il-kawza).

Illi fil-fatt l-istess attur f'dak l-indirizz qatt ma seta' jigi notifikat skont il-provedimenti tal-ligi u d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** u dan peress li jirrizulta li dan l-indirizz huwa ma ghandu l-ebda konnessjoni mieghu, u certament la huwa l-post ta' residenza u lanqas tax-xoghol jew negozju tieghu.

Illi minkejja dan jirrizulta li fl-istess kawza giet ipprezentata nota ta' l-eccezzjonijiet datata 23 ta' Frar 1994 mahlufa mill-istess Avukat Dr. Siegried Borg Cole, u ffirmata minnu bhala avukat ghan-nom tieghu stess bhala konvenut u wkoll ghan-nom ta' l-attur oderjn Carmelo Vella, ndikat bhala konvenut f'dik il-kawza (fol. 12 tal-istess process) u dan anke peress ili jinghad li l-istess nota ta' eccezzjoni kienet wahda tal-konvenuti. Illi jinghad li wara il-prezentata tal-istess nota ta' l-eccezzjoni fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 1994 (fol. 15) jinghad li Dr. Siegfried Borg Cole ta "*ruhu b'notifikat bil-korrezzjoni kemm ghan-nom tal-konvenut Carmelo Vella u kif ukoll ghalih stess. Id-difensuri qablu li n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut hija tal-konvenuti li jidhru fuq ic-citazzjoni kif korretta*"..

Illi fil-fatt jidher pero' mill-istess atti tal-imsemmija kawza li *nonostante* dan kollu l-istess Carmelo Vella qatt ma deher fl-istess kawza u qatt ma gie notikat b'xi att tal-Qorti u dan anke meta kien hemm perizja kondotta mill-Perit Legali hemm nominat Dr. Peter Fenech, li fiha jinghad li gew iffissati aktar minn 45 seduta (pagna 5 tar-relazzjoni), izda fil-verita' jirrizulta li jekk intbaghatu xi avvizi tal-istess seduti mill-Perit Legali lill-partijiet fejn jirrigwarda l-konvenut f'dik il-kawza Carmelo Vella dawn intbaghatu biss fl-istess indirizz ta' 29/10, Fourth Floor, Republic

Street, Valletta u dan qed jinghad peress li mill-kont tal-perit legali wkoll datat 3 ta' Lulju 2001 li jidher li dan ukoll inbaghat fl-istess indirizz u dan huwa l-unika indirizz fl-att processwali kollu li gie indikat bhala dak tal-konvenut Carmelo Vella, indirizz li assolutament mhux tieghu. Fl-istess waqt jinghad li jirrizulta li Dr. Siegfried Borg Cole xehed li l-istess huwa l-ufficcju tieghu u l-attur odjern m'ghandu x'jaqsam xejn ma' l-istess ufficcju (fol. 62).

Illi mbaghad mill-atti tal-kawza odjerna hemm ix-xhieda ta' Dr. Siegfried Borg Cole datata 10 ta' Gunju 2005 li jghid :-

"*Din il-kawza jiena rrispondejtha u effettivament (hemm) element ta' traskuragini u ghall-ragunijiet ghax kont ghamilt zmien twil imsiefer, jiena I didn't pursue it pero' dejjem kont konxju mill-fatt li Carmelo Vella qatt ma kienx notifikat b'din il-kawza u bil-Malti nitfa' rasi gor-ramel ghidt u iva din il-procedura hija hazina imma eventwalment gejt affaccjat b'sentenza".*

*" Jiena kont qed nispera li l-procedura la Carmelo Vella ma kienx notifikat u m'ghamilx eccezzjonijiet mela din qed jaghzqu fl-ilma pprezumejt. Bl-intelligenza tieghu u bl-injoranza tieghi u bit-traskuragini tieghi ma' indirizzajtx jiena direttament din. I didn't take the bull by the horns, eventwalment sibt ruhi jiena b'sentenza kontra tieghu u kkundannati t-tnejn. Ghaliex? Ghax imbaghad skoprejt ukoll li l-eccezzjonijiet gew prezentati, jiena nkun qbadt u ffirmajt flok ma sibt lill-konvenut, mela jiena gejt nterpretat li mhux parti biss u kont l-avukat ta' Carmelo Vella, u jiena qatt ma kelli struzzjonijiet minn Carmelo Vella biex nagixxi ghan-nom tieghu. Naf x'qed nghid pero' rrid nghid il-verita' hawnhekk quddiem Alla. Jiena firmajt ghalija, ma' kontx awtorizzat u m'inhiex iblah se nassumi lil haddiehor. Din hija l-verita' kollha, issa jekk jiena ghamilt xi zball jew kont skorrett, sawtuni taghha pero' Carmelo Vella qatt da parti tieghi ma kien skont jigifieri minn ghandi, qatt ma kien informat zgur".*

*Dr. Borg: "Jigifieri inti f'mohhok Carmelo Vella ma kienx notifikat biha c-citazzjoni?"*

*Xhud: "F'mohhi ma kienx notifikat u kont qieghed bl-isperanza illi nuza dak il-fatt illi eventwalment ghalhekk jiena ......li nkun traskurat fl-affarijiet tieghi ghax ghedt u iva ghidt Vella mhux notifikat imbghad, din hi r-realta'.*

Illi fl-istess xhieda jghid li qatt ma skambja korrispondenza mal-attur odjern fuq l-istess kaz u qatt ma kellu ebda struzzjonijiet minghand l-istess Carmelo Vella fuq l-istess kaz, qatt ma hareg kont u lanqas informah bl-istess sentenza (fol. 59). Illi in kontro-ezami qal li l-eccezjonijiet draftjom huwa izda kien kiteb bi zball il-kelma konvenuti u jghid li ma jafx jekk kienx prezenti fil-verbal tal-21 ta' April 1994. Jghid ukoll li kien qal lil Dr. Peter Fenech bhala perit legali sabiex ma jibghatx ghandu ittri tac-"chopper" (kif jidher li huwa maghruf l-attur odjern). Jghid li qatt ma nforma lill-attur odjern bl-istess seduti.

Illi l-attur isostni li huwa qatt ma ircieva din ic-citazzjoni la fir-residenza tieghu Gloriosa House, Triq Il-Prinjoli, Santa Lucia u lanqas l-ufficcju tieghu 67, Marina Street. Pieta'. L-istess indirizz 29/10, Fourth Floor, Republic Street, Valletta ma kellu xejn x'jaqsam mieghu u kien biss l-ufficcju tal-avukat tieghu u tas-socjeta' Anchor Investments Limited li huwa kien azzjonist taghha izda huwa kien irrezenja minn direttur taghha b'effett mill-21 ta' April 1992 (Dok."CV2" – fol. 15 – xhieda tal-attur datata 17 ta' Marzu 2004 (fol. 23), (kif kien ghamel l-azzjonijista l-iehor Michael Attard fid-9 ta' Marzu 1991) b'dan l-istess attur odjern ma kienx lanqas direttur tal-istess socjeta' fiz-zmien tal-prezentata tal-eccezzjonijiet f'dik il-kawza li saret fit-23 ta' Frar 1994. Mhux hekk biss izda l-istess attur jghid, li ma giex kontradett li huwa biegh l-ishma tal-istess socjeta' lill-imsemmi Dr. Siegfried Borg Cole fis-sena 1992. Ma' dan kollu jirrizulta wkoll li huwa bl-ebda mod ma inkariga lil Dr. Siegfried Borg Cole sabiex jidher ghalih fl-istess kawza, u inqas u inqas sabiex jaccetta xi notifika ghan-nom tieghu u jipprezenta xi nota ta' eccezzjoni f'ismu u/jew ghalih. Naturalment jirrizulta li huwa ma gie informat xejn b'din il-kawza mill-istess Avukat hawn indikat, u ma gie informat b'xejn dwar din il-kawza lanqas b'xi korrispondenza sabiex jidher ghal xi seduta, u wkoll li huwa qatt ma deher f'din il-kawza.

Illi jirrizulta li  l-ewwel darba li sar jaf biha kien biss f'April 2003 meta martu marret il-Bank sabiex tigbed xi interessi u giet informata li ma setghetx taghmel dan ghaliex kien hemm mandat ta' sekwestru fuq din il-kawza u wara saru l-verifiki dwar dan il-Qorti *tramite* l-Avukat tieghu Dr. Kris Borg u sabu dan is-sentenza tal-21 ta' April 2002 u li l-istess attur (hemm indikat bhala konvenut) qatt ma kien jaf biha u qatt ma gie debitament notifikat bl-istess.

Illi fl-isfond ta' dan jinghad li skont l-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** hemm provdut li:-

*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi din il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew il-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.*

Illi b'hekk kif inghad fis-sentenzi **Alessando Delhin vs Antonio Darmanin et** (A.C. – 9 ta' Novembru 1927) u **Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003) tali notifika tista' ssir direttament lill-istess persuna jew indirettament izda dan jista' jsir fl-ahhar kaz *si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa u al servizio della persona medesima.* Bl-**Att XXIV tal-1995** li emenda l-**Kap. 12** estenda l-lista ta' persuni li maghhom kopja tal-att seta' jithalla. *Cionostantante* l-istess hsieb kif formulat fl-istess sentenza jibqa' wiehed validu. B'hekk il-ligi tipprovdi ghall-kazi fejn il-persuna koncernata tigi notifikata direttament u wkoll indirettament fejn jinghad fejn l-istess tista' tithalla u ma' min jista' jsir dan (**Alfred Cachia nomine vs Salvino Sullivan et noe** – 27 ta' April 1987). F'dan il-kaz in-notifika ma saret bl-ebda mod indikat peress li ma saritx fl-ebda wahda mill-postijiet hemm indikati u lanqas saret lill-persuna li kienet tidher ghall-istess attur jew awtorizzata minnu sabiex tircievi l-istess posta u ghalhekk kull pretesa notifika tal-istess citazzjoni hija nulla u bla effett ghall-fini u effetti kollha tal-ligi (**Mary Grace Farrugia vs Stephen**

**Farrugia et** – A. I.C. (PS) 12 ta' Novembru 2003); **Micallef Enterprises Limited et vs Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et** – P.A. (NC) – 27 ta' Mejju 2005).

Illi dwar il-punt l-iehor li l-imsemmi Avukat Dr. Siegfried Borg Cole pprezenta nota ta' eccezzjonijiet ghan-nom tieghu u tal-konvenut l-iehor Carmelo Vella, jinghad li ghalkemm huwa minnu li meta jkun hemm risposta l-att tan-notifika nnifsu jsir ghall-fini tal-process irrelevanti ghaliex il-prezentata tar-risposta jew eccezzjonijiet tkun tekwivali u kellha tigi nterpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifikata bl-att (**Antionette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet –** A.C. – 13 ta' Lulju 2001) dan naturalment japplika biss meta tkun il-parti nnifisha li tkun prezentat l-att (li mhux il-kaz) jew meta l-istess att ikun prezentat skont il-ligi minn persuna li kienet tirrapprezenta l-istess destinatarju jew awtorizzata minnha sabiex tircievi l-istess att u mill-provi prodotti jirrizulta bl-iktar mod car li dan ma kienx il-kaz u Dr. Siegfried Borg Cole ma kienx il-persuna jipprezenta lill-konvenut l-iehor u lanqas qatt ma kien awtorizzat b'xi mod la biex jaghti ruhu notifikat bl-istess citazzjoni ghan-nom tal-imsemmi konvenut l-iehor u wisq inqas sabiex jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet f'isem il-konvenut l-iehor u dan iktar u iktar meta l-istess konvenut Carmelo Vella ma kien jaf b'xejn bl-istess kawza u qatt ma gie informat bl-istess minn hadd, inqas u inqas mill-istess Avukat Dr. Siegfried Borg Cole, li agixxa b'mod ghal kollox irresponsabbli u xejn dinjituz fil-konfront ta' kulhadd, inkluz fil-konfront tal-attur odjern u tal-Qorti.

Illi jinghad ukoll li hemm principji cari llum tar-relazzjoni ta' bejn il-klijent u l-avukat tieghu fis-sens li l-inkarigu li jaghti persuna lid-difensur tieghu huwa dak ta' mandat u dan jimplika illi l-inkarigu tal-professjonist jimplika l-poter li jaghmel dak kollu li huwa mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu li jkun ircieva (**Maureen Scicluna vs Dr. Anthony Farrugia** – A.C. (PS) – 6 ta' April 2005; **Avv. Louis Vella et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku** – A.C. (PS) – 8 ta' Mejju 2000), u fil-fatt jinghad li dan iwassal sabiex verbal li jsir fil-Qorti ghan-nom tal-klijent u li jaqa'

taht l-istess inkarigu jorbot lill-partijiet peress li jammonta ghal kwazi kuntratt gudizzarju (**Geranzio Bartolo et vs Angelo Caruana** – P.A. (JSP) – 11 ta' Dicembru 1992; **Direttur tal-Agrikoltura vs Remigio Galea** – A.C. – 30 ta' Marzu 1987) u dan jibqa' hekk sakemm dak li jaghmel l-istess avukat ikun jaqa' fl-ezerizzju tal-inkarigu tieghu **Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia et** – A.I.C. (PS) – 16 ta' Marzu 2005; izda dan ma huwiex il-kaz odjern peress li jidher car u ppruvat li l-istess attur odjern qatt ma inkariga lil Dr. Siegfried Borg Cole sabiex jagixxi bhala avukat tieghu f'dik il-kawza, wisq inqas sabiex jaghti ruhu b'notifikat ghalih, u inqas u inqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet f'ismu u dan meta huwa lanqas biss kien jaf bl-ezistenza tal-istess kawza. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li hemm lok sabiex dan il-motiv fuq il-bazi tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12** adott mill-attur *in rescindente* ghandu jirnexxi u l-Qorti ssib raguni ghall-akkoljiment tat-talba limitament fuq din il-bazi.

Illi fuq il-bazi tat-talba ta' ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**arikolu 811 (l)** u cjoe' li jkun hemm thassir tal-istess sentenza ghaliex is-sentenza hija effett minn zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, l-attur qed jibbaza dan fuq l-allegazzjoni li s-sentenza stess hija effett ta' zball u dan peress li huwa qed jghid li ladarba l-konvenju datat 23 ta' Novembru 1988 mertu ta' dik il-kawza kien jipostula li huwa kien qed ibiegh proprjeta' tieghu meta fil-fatt l-istess proprjeta' kienet tas-socjeta' Anchor Investments Limited, li huwa kien direttur taghha dak iz-zmien, mela allura l-istess konvenju kien effett bi zball u allura dan iwassal ghar-revoka tal-istess sentenza.

Illi l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** jipprovdi li hemm kaz ta' ritrattazzjoni meta *"s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza".*

*"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dan l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq suposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz*

*il-wiehed jew l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza".*

Illi fit-tieni lok issir riferenza ghas-sentenzI **"John Zammit et vs Michael Tabone et proprio et nomine"** (A.C. – 22 ta' Jannar 2001) u **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009 fejn inghad li sabiex jigu sodisfatti l-elementi ta' dan l-artikolu irid ikun hemm:-

(a) l-izball irid ikun wiehed ta' fatt u mhux zball ta' interpretazzjoni (Vol.XXV.i.140).

(b) l-izball irid ikun wiehed materjali li jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li s-sentenza tkun kontrastanti ma' dak l-att u dokumenti u mhux relatat mal-interpretazzjoni ta' dak li huma l-fatti kif apprezzati mill-gudikant u dan peress li l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta' fatt jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. *"L-errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casulalita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata"* ((Vol. XLI.i.47).

(c) Jekk l-izball akkampat bhala motiv ta' ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (Vol. XLI.i.47).

(d) Il-fatt li r-ritrattandi ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata ma jwasslux sabiex tali sentenza tigi annulata abbazi tal-**artikolu 811 (l)** u dan ghaliex l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindikabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (**"Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja et"** A.C. – 13 ta' Gunju 1995; **"G. Vella Zarb vs A. Bartolo"** A.C. – 3 ta' Frar 1930; **"Mary Rota et vs Mary Camilleri"** P.A. (GV) – 30 ta' Marzu 2001.

(e) L-izball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u iridu jigu sodisfatti l-elementi tat-tieni paragrafu tal-istess disposizzjoni legali – b'dan li l-izball irid ikun wiehed materjali u tali li minhabba mera inavvertenza ikun wassal lill-gudikant jissopponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi tirrikjedi li zball jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, u b'hekk li l-gudikant b'nuqqas ta' avvertenza ma jkunx ikkonsultahom.

Illi din il-Qorti thoss li dan ma jwassalx sabiex tigi milqugha t-talba ta' ritrattazzjoni fuq dan il-punt ghaliex ma jidhirx f'dan il-kaz li l-izball kien fis-sentenza li mxiet fuq dak li lilha gie sottomess fl-istess citazzjoni u eccezzjonijiet u provi, fejn fl-istess konvenju inghad li l-istess hemm indikati konvenuti kienu kkontrattaw l-istess personalment  u mhux ghan-nom tal-istess socjeta' u dan anke tenut kont li l-attur odjern Carmelo Vella f'dik il-kawza ma' gab l-ebda provi (ghaliex ma kienx notifikat) u l-konvenut l-iehor Dr. Siegfried Borg Cole (ghar-ragunijiet minnu ndikati) ma ressaq ebda provi lanqas sabiex jattakka l-validita' tal-istess konvenju, b'dan ghalhekk ma jistax jinghad li mill-atti tal-kawza li l-istess sentenza kienet effett ta' xi zball. Fil-fatt dan il-punt dwar li l-konvenju kien sar f'isem is-socjeta' kien qam waqt il-kawza u jidher li kollox kien gie deciz proprju minhabba l-punt li l-unika xhieda li ngabet kienet dik attrici kif jidher mit-tieni paragrafu tat-tmien pagna tas-sentenza tat-12 ta' April 2002, u wkoll f'pagna 9 fejn inghad li *l-konvenuti allegaw li sar zball minn Nutar meta ma ndikax li kienu qed jidhru f'isem il-kumpanija izda ma' resqu ebda prova biex isostnu din l-allegazzjoni.* B'hekk ghalkemm din hija llum kwistjoni akkademika *in vista'* ta' dak gja deciz f'din is-sentenza peress li tali sentenza gja thassret minhabba r-ragunijiet fuq indikati, din il-Qorti thoss li in vista ta' dawn il-fatti u punti ma hemmx lok ta' ritrazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** u dan ghaliex l-elementi tal-istess ma gewx sodisfatti.

Illi dan il-punt ta' zball fl-istess sentenza li jwassal ghar-ritrattzzjoni tal-kawza huwa ghal kollox differenti mill-kuncett ta' vizzju ta' kunsens minhabba zball *da parte* tal-attur ghal dak li huwa l-konvenju ndikat, li huwa l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **Carmelo Vella vs Angelo Zahra et** (Citaz. Nru. 581/03) li ser tigi deciza llum. Illi ghalhekk it-talba ghar-ritrattazzjoni fuq din il-bazi qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tordna r-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' April 2002 fl-ismijiet **Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr Siegfried Borg Cole LL.D**., (Citazz. Nru 1785/93DS) *a tenur* tal-**artikoli 811 (b) tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12)** u ghar-raguni li l-attur odjern ma kienx gie validatament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza kif trid il-ligi u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi b'dan li l-attur odjern ghandu jigi debitament notifikat skont il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.

Il-kawza b'hekk ghandha tigi differita biex tkompli tinstema' *in rescissorio* u trattata fid-dawl ta' dan il-gudikat.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------